**A.L. 24 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28(1) ta' l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u bl-artikoli 2, 61, 64 u 66 ta' l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru flimkien mal-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjonijiet ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 194 ta' l-2004.

Għan.

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għall-implimentazzjoni f'Malta u Għawdex ta' *Standards* ta' Kwalità Ambjentali (EQS) għal sustanzi prijoritarji u ċerti kontaminanti oħrajn, bil-għan li jinkiseb *status* kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ, billi jittrasponu d-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru, 2008, dwar *standards* ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u jemendaw d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu wkoll kriterji minimi ta' prestazzjonijiet tekniċi għal metodi ta' analiżi li għandhom jiġu applikati mill-awtorità kompetenti meta jsir monitoraġġ ta' l-istat tal-ilma, tas-sediment u tal-bijota, kif ukoll regoli biex jipprovaw il-kwalità tar-riżultati analitiċi, billi jittrasponu d-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE tal-31 ta'

Lulju 2009 li tistipula, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, speċifikazzjonijiet tekniċi għall-analiżi u l-monitoraġġ kimiku tal-istat tal-ilma.

Jemenda l-użu tal-kelma "Anness" fir-regolamenti prinċipali.

**3.** Fir-regolamenti prinċipali minflok il-kelma "Anness" kull fejn din tinsab għandha tidħol il-kelma "Skeda".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Minnufih wara s-subregolament (8) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(9) L-awtorità kompetenti ma tkunx qed tikser l-obbligi tagħha taħt dawn ir-regolamenti bħala riżultat tal-qbiż tal-limitu ta' EQS fl-ilmijiet kostali, jekk tista' turi li:

(a) dan kien dovut minħabba sors ta' tniġġis barra l-ġurisdizzjoni nazzjonali tagħha; u

(b) minħabba f'tali tniġġis transkonfini hija ma setgħetx tieħu miżuri effettivi sabiex tikkonforma ma' l-EQS rilevanti; u

(ċ) hija kienet applikat l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni previsti fi qbil internazzjonali rilevanti u, skond kif ikun adatt, kienet ħadet vantaġġ mid-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (4), (5) u (6) ta' dan ir-regolament, għal dawk il-mases ta' ilma affettwati mit-tniġġis transkonfini; u

(d) fiċ-ċirkostanzi previsti f'punt (a) hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika sommarju tal-miżuri meħuda f'relazzjoni mat-tniġġis transkonfini fil-pjanijiet rilevanti ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma kif stabbilit fis-subregolament (3) tar-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Minflok is-subregolament (3) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-awtorità kompetenti għandha ssegwi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi standardiżżati għall-analiżi u l-monitoraġġ ta' l-istatus ta' l-ilma, skont il-kundizzjonijiet ta' Skedi V u XI.".

**6.** Minflok it-titolu "1.3 Identifikazzjoni ta' Pressjonijiet" fi Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol it-titolu "1.4 Identifikazzjoni ta' Pressjonijiet" u minnufih wara dan it-titolu għandu jiżdied dan li ġej:

Jemenda Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**"Inventarju ta' Emissjonijiet, Rilaxx u Telf:**

1. L-awtorità kompetenti għandha tistabilixxi inventarju skont regolament 5 u regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti, skont ir- Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Obbligazzjonijiet ta' Rappurtaġġ lir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (A.L. 152 ta' l-2007), skont permessi ambjentali u/jew permessi tal-operat maħruġa mill-awtorità kompetenti relevanti u skont data oħra disponibbli, li jinkludi mapep, jekk disponibbli, tal-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf tas-sustanzi prijoritarji u l-kontaminanti kollha elenkati fil-Parti A, tat-Tabella 1 ta' Skeda IX għad-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma fit-territorju nazzjonali, inklużi l-konċentrazzjonijiet tagħhom ta' sediment u bijota, hekk kif ikun adatt. Sabiex jiġi stabilit u mantenut l-inventarju ta' emissjonijiet, rilaxx u telf, l-awtorita' kompetenti tista' ssaqsi għal kwalunkwe informazzjoni li tħoss neċessarja minn kwalunkwe installazzjoni.

2. Il-perjodu ta' referenza għall-istima tal-valuri tal-kontaminanti li għandhom jitniżżlu fl-inventarji msemmija f'punt (1) hawn fuq għandu jkun ta' sena waħda bejn l-2008 u l-2010. Madankollu, għas-sustanzi prijoritarji jew il-kontaminanti koperti bir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti (A.L. 115 ta' l-2004), l-entrati jistgħu jiġu kkalkolati bħala l-medja tas-snin 2008, 2009 u 2010.

3. L-inventarji għandhom jiġu aġġornati bħala parti mir-reviżjonijiet tal-analiżi speċifikati skont is-subregolament (2) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti. Il-perjodu ta' referenza fl-inventarji aġġornati, għall-istabbiliment ta' valuri għandu jkun is-sena ta' qabel ma jkollha titlesta dik l-analiżi. Għas-sustanzi prijoritarji jew il-kontaminanti koperti bir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti, l-entrati jistgħu jiġu kalkolati bħala l-medja tat-tliet snin ta' qabel it-tlestija ta' dik l-analiżi. L-inventarji aġġornati għandhom jiġu publikati fil-

VERŻJONI ELETTRONIKA



pjanijiet aġġornati ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma kif stabbilit fis-subregolament (5) tar-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda Skeda VII li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**7.** Minnufih wara l-punt 4 f'Taqsima B ta' Skeda VII li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan il-provvediment ġdid li ġej:

"5. deskrizzjoni ta' żoni ta' taħlit fejn dawn jiġu jdentifikati, komunikazzjoni ta' miżuri meħuda f'relazzjoni mat-tniġġis transkonfinali u aġġornament dwar l-inventarju ta' emissjonijiet, rilaxx u telf.".

Jemenda Skeda IX li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**8.** Skeda IX li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok l-ewwel paragrafu għandu jidħol dan li ġej:

"Il-'valuri tal-limitu' stabbiliti fir-regolamenti li saru wara r-Regolamenti ta' l-2001 dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma (Avviż Legali 213 ta' l-2001) għandhom ikunu kunsidrati valuri tal-limitu ta' emissjoni, għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti. Dawn huma stabbiliti fir-regolamenti li ġejjin:"; u

(b) minnufih fi tmiem ta' l-Iskeda msemmija, għandu jiżdied dan it-test ġdid li ġej:

**"Emendi tal-A.L. 220 ta' l-2001, tal-A.L. 221 ta' l- 2001, tal-A.L. 219 ta' l-2001, tal-A.L. 218 ta' l-2001 u tal-A.L. 227 ta' l-2001:**

1. Anness II tal-A.L. 220 ta' l-2001, tal-A.L. 221 ta' l- 2001, tal-A.L. 219 ta' l-2001 u tal-A.L. 218 ta' l-2001, rispettivament għandu jitħassar.

2. L-intestaturi B fit-Taqsimiet I sa XI tal-Anness II tal-A.L. 227 ta' l-2001 għandhom jitħassru.

***Standards* ta' Kwalità Ambjentali:**

1. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-EQS elenkati fil-Parti A tat-Tabella 1 inkluża hawn isfel, għal mases ta' l-ilma tal-wiċċ f'Malta u Għawdex, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti B tat-Tabella 1 inkluża hawn isfel.

2. Il-valuri ta' l-EQS fil-bijota mniżżlin hawn japplikaw minflok dawk stabbiliti fil-Parti A tat-Tabella 1 f'ċerti kategoriji ta' l-ilma tal-wiċċ:

(a) merkurju u t-taħlit tiegħu japplika EQS ta' 20 µg/kg;(b) eksaklorobenżin japplika EQS ta' 10 µg/kg;

(c) eksaklorobutadien japplika EQS ta' 55 µg/kg.

Dawn l-EQS huma għal tessuti tal-priża (piż bil-likwidu), bl-għażla tal-indikatur l-aktar adatt minn fost il-ħut, il-molluski, il-krustaċji u bijota oħra.

3. EQS oħrajn li m'humiex imsemmija f'punt (2) hawn fuq jistgħu jiġu applikati mill-awtorità kompetenti għas-sediment u, jew il-bijota għal sustanzi speċifikati. Dawn l-EQS għandhom joffru mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni bħall-EQS għall-ilma stabbilit fil-Parti A tat-Tabella 1.

4. Għas-sustanzi msemmija f'punti (2) u (3) hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tiddedermina l-frekwenza ta' monitoraġġ fil-bijota u, jew is-sediment. Madanakollu, il-monitoraġġ mill-awtorità kompetenti għandu jsir mill-inqas darba fis-sena, sakemm il-konoxxenza teknika u l-ġudizzju espert ma jiġġustifikawx intervall ieħor. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-konoxxenza teknika u l-ġudizzju espert sabiex tiġġustifika r-raġunijiet u l-bażi għall-użu tal-metodi f'punti (2) u (3).

**L-Analiżi għall-Perjodu fit-Tul għal Sustanzi Prijoritarji:**

1. L-awtorità kompetenti għandha torganizza l-analiżi tat-tendenza għall-perjodu fit-tul ta' konċentrazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi prijoritarji elenkati fil-Parti A tat-Tabella 1, li għandhom tendenza jakkumulaw fis-sediment u, jew fil-bijota, b'konsiderazzjoni partikolari mogħtija lis-sustanzi numru 2, 5, 6, 7, 12, 15, 16, 17, 18, 20, 21, 26, 28 u 30, abbażi tal-monitoraġġ tal-istatus tal-ilma mwettaq skont tar-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti.

2. Miżuri għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti, soġġett tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, immirati biex jassiguraw li tali konċentrazzjonijiet ma jiżdidux b'mod sinjifikattiv fis-sediment u, jew fil-bijota rilevanti.

3. L-awtorità kompetenti għandha tagħżel il-frekwenza ta' monitoraġġ tas-sediment u, jew fil-bijota sabiex ikun hemm data suffiċenti għall-analiżi tat-tendenza affidabbli għall-perjodu fit-tul. Il-monitoraġġ għandu jsir kull tliet snin, sakemm ma jintagħżilx intervall ieħor fuq bażi ta' informazzjoni teknika jew opinjoni ta' esperti.

**Żoni ta' Taħlit:**

1. Ħdejn il-punti ta' rilaxx, l-awtorità kompententi tista' tidentifika żoni ta' taħlit fejn il-konċentrazzjonijiet ta' kontaminant wieħed jew aktar mis-sustanzi elenkati fil-Parti A tat-Tabella 1 jistgħu jaċċedu l-EQS rilevanti, u dejjem jekk huma ma jaffettwawx il-konformità tal-kumplament tal-massa tal-ilma tal-wiċċ ma' dawk l-i*standards*.

2. Jekk jiġu identifikati żoni ta' taħlit, dawn għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma magħmula skont ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti, u għandhom jinkludu deskrizzjoni ta':

(a) l-approċċi u l-metodoloġiji applikati biex jiġu definiti żoni bħal dawn; u

(b) miżuri meħuda bil-għan li titnaqqas il-firxa taż-żoni tat-taħlit fil-futur, bħal dawk skont is-subregolament (3k) tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti jew permezz ta' reviżjoni tal-permessi msemmija fir-Regolamenti ta' l-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (A.L. 234 ta' l-2002) jew ta' regolamenti preċedenti msemmija skont is-subregolament (3g) tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li meta jintagħżlu żoni ta' taħlit, il-firxa ta' kull żona tali hija:

(a) ristretta għall-viċinanza tal-punt ta' rilaxx;

(b) proporzjonata, b'konsiderazzjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti fil-punt ta' rilaxx u tal-kondizzjonijiet dwar emissjonijiet ta' kontaminanti li jinsabu fir-regolamenti ta' qabel, bħal awtorizzazzjonijiet u, jew permessi, imsemmijin skont is-subregolament (3g) tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti u kull liġi nazzjonali rilevanti oħra, skont l-applikazzjoni tal-aħjar tekniki disponibbli u tar-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti, partikolarment wara li dawk ir-regolamenti ta' qabel jiġu riveduti.

## Tabella 1:

**Standards ta' Kwalita` Ambjentali Għal Sustanzi Prijoritarji u Ċerti Kontaminanti Oħrajn**

PARTI A: STANDARDS TA' KWALITÀ AMBJENTALI (EQS)

AA : medja annwali
MAC : konċentrazzjoni massima permissibbli
Unità : [µg/l]

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru | Isem tas-sustanza | Numru CAS ([1]) | AA-EQS ([2]) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta ([3]) | AA-EQS ([2]) Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn ([4]) | MAC-EQS ([5]) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta ([3]) | MAC-EQS ([5]) Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn ([4]) |
| (1) | Alaklor | 15972-60-8 | 0,3 | 0,3 | 0,7 | 0,7 |
| (2) | Antraċen | 120-12-7 | 0,1 | 0,1 | 0,4 | 0,4 |
| (3) | Atrażin | 1912-24-9 | 0,6 | 0,6 | 2,0 | 2,0 |
| (4) | Benżin | 71-43-2 | 10 | 8 | 50 | 50 |
| (5) | Difeniletere brominat ([6]) | 32534-81-9 | 0,0005 | 0,0002 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (6) | Kadmju u t-taħlit tiegħu (skont il-klassijiet tal-ebusija tal-ilma) ([7]) | 7440-43-9 | ≤ 0,08 (Klassi 1), 0,08 (Klassi 1), 0,09 (Klassi 1), 0,15 (Klassi 1), 0,25 (Klassi 1) | 0,2 | ≤ 0,45 (Klassi 1), 0,45 (Klassi 2), 0,6 (Klassi 3), 0,9 (Klassi 4), 1,5 (Klassi 5) | ≤ 0,45 (Klassi 1), 0,45 (Klassi 2), 0,6 (Klassi 3), 0,9 (Klassi 4), 1,5 (Klassi 5) |
| (6a) | Tetraklorur tal-karbonju ([8]) | 56-23-5 | 12 | 12 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (7) | C10-13 kloroalkani | 85535-84-8 | 0,4 | 0,4 | 1,4 | 1,4 |
| (8) | Klorfenvinfos | 470-90-6 | 0,1 | 0,1 | 0,3 | 0,3 |
| (9) | Klorpirifos (Klorpirifos-etil) | 2921-88-2 | 0,03 | 0,03 | 0,1 | 0,1 |
| | | | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (9a) | Pestiċidi miċ-ċiklodien:<br>Aldrin (8)<br>Dieldrin (8)<br>Endrin (8)<br>Isodrin (8) | 309-00-2<br>60-57-1<br>72-20-8<br>465-73-6 | ∑ = 0,01 | ∑ = 0,005 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (9b) | DDT totali (8) (9) | mhux applik abbli | 0,025 | 0,025 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | para-para-DDT (8) | 50-29-3 | 0,01 | 0,01 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (10) | 1,2-Dikloroetan | 107-06-2 | 10 | 10 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (11) | Diklorometan | 75-09-2 | 20 | 20 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (12) | Di(2-etileksil)-ftalat (DEHP) | 117-81-7 | 1,3 | 1,3 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (13) | Diuron | 330-54-1 | 0,2 | 0,2 | 1,8 | 1,8 |
| (14) | Endosulfan | 115-29-7 | 0,005 | 0,0005 | 0,01 | 0,004 |
| (15) | Fluworanten | 206-44-0 | 0,1 | 0,1 | 1 | 1 |
| (16) | Eksaklorobenżin | 118-74-1 | 0,01 (10) | 0,01 (10) | 0,05 | 0,05 |
| (17) | Eksaklorobutadien | 87-68-3 | 0,1 (10) | 0,1 (10) | 0,6 | 0,6 |
| (18) | Eksakloroċikloħexan | 608-73-1 | 0,02 | 0,002 | 0,04 | 0,02 |
| (19) | Isoproturon | 34123-59-6 | 0,3 | 0,3 | 1,0 | 1,0 |
| (20) | Ċomb u l-komposti tiegħu | 7439-92-1 | 7,2 | 7,2 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (21) | Merkurju u l-komposti tiegħu | 7439-97-6 | 0,05 (10) | 0,05 (10) | 0,07 | t0,07 |
| (22) | Naftalen | 91-20-3 | 2,4 | 1,2 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (23) | Nikil u l-komposti tiegħu | 7440-02-0 | 20 | 20 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (24) | Nonilfenol (4-Nonilfenol) | 104-40-5 | 0,3 | 0,3 | 2,0 | 2,0 |
| (25) | Oktilfenol ((4-(1,1’,3,3’-tetrametilbutil)-fenol)) | 140-66-9 | 0,1 | 0,01 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (26) | Pentaklorobenżin | 608-93-5 | 0,007 | 0,0007 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | | | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (27) | Pentaklorofenol | 87-86-5 | 0,4 | 0,4 | 1 | 1 |
| (28) | Idrokarburi poliaromatiċi (PAH) ([11]) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | not applicable | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | Benzo(a)piren | 50-32-8 | 0,05 | 0,05 | 0,1 | 0,1 |
| | Benzo(b)fluworanten | 205-99-2 | ∑ = 0,03 | ∑ = 0,03 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | Benzo(k)fluworanten | 207-08-9 | | | | |
| | Benzo(g,h,i)perilen | 191-24-2 | ∑ = 0,002 | ∑ = 0,002 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | Indeno(1,2,3-cd)piren | 193-39-5 | | | | |
| (29) | Simażin | 122-34-9 | 1 | 1 | 4 | 4 |
| (29a) | Tetrakloroetilen ([8]) | 127-18-4 | 10 | 10 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (29b) | Trikloroetilen ([8]) | 79-01-6 | 10 | 10 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (30) | Komposti ta' Tributiltin (katjonu ta' Tributiltin) | 36643-28-4 | 0,0002 | 0,0002 | 0,0015 | 0,0015 |
| (31) | Triklorobenżini | 12002-48-1 | 0,4 | 0,4 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (32) | Trikolorometan | 67-66-3 | 2,5 | 2,5 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (33) | Trifluralin | 1582-09-8 | 0,03 | 0,03 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |

(1) CAS: Chemical Abstracts Service.

(2) Dan il-parametru huwa l-EQS espress bħala valur medju annwali (AA-EQS). Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan japplika għall-konċentrazzjoni totali tal-isomeri kollha.

(3) L-ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta jirreferu għall-ilma kollu qiegħed jew miexi fuq wiċċ l-art u mases tal-ilma relatati li jkunu artifiċjali jew modifikati ħafna.

(4) L-ilmijiet tal-wiċċ oħrajn jirreferu għall-ilma transizzjonali, l-ilma kostali, l-ilmijiet territorjali u mases tal-ilma relatati li jkunu artifiċjali jew modifikati ħafna.

(5) Dan il-parametru huwa l-EQS espress bħala l-konċentrazzjoni massima permessa (MAC-EQS). Fejn il-MAC-EQS huma mmarkati bħala "mhux applikabbli", il-valuri AA-EQS huma kkunsidrati bħala protettivi kontra apiċi ta' tniġġis għall-perijodu qasir f'rilaxx kontinwu, billi huma b'mod signifikattiv aktar baxxi mill-valuri miksubin abbażi ta' tossiċità qawwija.

(6) Għall-grupp ta' sustanzi prijoritarji koperti mid-difenileteri brominati (Nru 5) elenkati fid-Deċiżjoni 2455/2001/KE, huwa stabbilit EQS biss għan-numri tal-istess klassi 28, 47, 99, 100, 153 u 154.

(7) Għall-Kadmju u t-taħlit tiegħu (Nru 6) il-valuri EQS ivarjaw skont l-ebusija tal-ilma kif speċifikat f'ħames kategoriji ta' klassi (il-Klassi 1: < 40 mg $CaCO_3$/l, Klassi 2: 40 to < 50 mg $CaCO_3$/l, Klassi 3: 50 to < 100 mg $CaCO_3$/l, Klassi 4: 100 to < 200 mg $CaCO_3$/l u Klassi 5: ≥ 200 mg $CaCO_3$/l).

(8) Din is-sustanza mhijiex sustanza prijoritorja iżda waħda mill-kontaminanti l-oħrajn li għalihom l-EQS huma identiċi għal dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni li kienet tapplika qabel it-13 ta' Jannar 2009.

(9) Id-DDT totali jikkonsisti mill-għadd tal-isomeri 1,1,1 -trikloro-2,2 bis (p-klorifenil) etan (Numru

CAS 50-29-3; Numru EU 200-024-3);1,1,1-trikloro-2 (o-klorofenil)-2-(p-klorifenil) etan (Numru CAS 789-02-6; Numru EU 212-332-5); 1,1-dikloro-2,2 bis (p-klorifenil) etilen (Numru CAS 72-55-9; Numru EU 200-784-6); u 1,1-dikloro-2,2 bis (p-klorifenil) etan (Numru CAS 72-54-8; Numru EU 200-783-0).

(10) F'ċerti kategoriji ta' l-ilma tal-wiċċ, jekk l-awtorita` kompetenti ma tapplikax l-EQS għall-bijota, hija għandha tintroduċi EQS aktar stretti għall-ilma f'dawn il-kategoriji ta' l-ilma tal-wiċċ; sabiex jintlaħaq l-istess livell ta' protezzjoni bħall-EQS għall-bijota stabbilit fis-sezzjoni hawn fuq 'Standards ta' Kwalita` Ambjentali', punt (2). L-awtorita` kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, permezz tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2000/60/KE, dwar ir-raġunijiet u l-bażi għall-użu ta' dan l-approċċ, l-EQS alternattivi għall-ilma stabbiliti, inkluż id-data u l-metodoloġija li biha nkisbu l-EQS alternattivi, u l-kategoriji tal-wiċċ tal-ilma li għalihom huma jkunu applikabbli.

(11) Għall-grupp ta' sustanzi prijoritarji ta' idrokarboni poliaromatiċi (PAH) (Nru28), huwa applikabbli kull EQS individwali, jiġifieri għandhom jintlaħqu l-EQS għall-Benzo(a)piren, l-EQS għall-għadd ta' Benzo(b)fluworanten u Benzo(k)fluworanten u l-EQS għall-għadd ta' Benzo(g,h,i)perilen u Indeno(1,2,3-cd)piren.

PARTI B: APPLIKAZZJONI TAL-EQS STABBILITI FIL-PARTI A

1. Il-kolonni 4 u 5 tat-tabella: Għal kull massa ta' ilma tal-wiċċ partikolari, li japplika l-AA-EQS tfisser li, għal kull punt ta' monitoraġġ rappreżentattiv fil-massa tal-ilma, il-medja aritmetika tal-konċentrazzjonijiet imkejla fi żmienijiet differenti matul is-sena, ma taqbiżx l-istandard.

Il-kalkolu tal-medja aritmetika, l-metodu analitiku użat u, fejn ma jkunx hemm ebda metodu analitiku adegwat li jissodisfa l-kriterji minimi ta' prestazzjoni, l-metodu tal-applikazzjoni ta' EQS għandhom ikunu f'konformità ma' atti implimentattivi li jadottaw speċifikazzjonijiet tekniċi għall-monitoraġġ kimiku u għall-kwalità tar-riżultati analitiċi, skont dawn ir-regolamenti.

2. Il-kolonni 6 u 7 tat-tabella: Għal kull massa ta' ilma tal-wiċċ partikolari, li japplika l-MAC-EQS tfisser li l-konċentrazzjoni mkejla f' xi punt ta' monitoraġġ rappreżentattiv fil-massa tal-ilma, ma taqbiżx l-istandard.

Madankollu, f'konformità mat-taqsima 1.3.4 tal-Skeda V ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorita` kompetenti tista' tintroduċi metodi ta' statistika, bħal kalkolu perċentwali, sabiex jiġi żgurat livell aċċettabbli ta' fiduċja u preċiżjoni għad-determinazzjoni ta' konformità ma' l-MAC-EQS. Jekk tagħmel hekk, dawn il-metodi ta' statistika għandhom ikunu konformi mar-regoli dettaljati stabbiliti skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/105/KE.

3. Bl-eċċezzjoni tal-kadmju, ċ-ċomb, il-merkurju u n-nikil (minn hawn 'il quddiem "metalli") l-EQS stabbiliti f'din l-Skeda huma espressi bħala konċentrazzjonijiet totali fil-kampjun kollu tal-ilma. Fil-każ ta' metalli, l-EQS jirreferi għall-konċentrazzjoni maħlula, jiġifieri l-fażi maħlula ta' kampjun tal-ilma miksuba b'filtrazzjoni permezz ta' filter 0.45 µm jew kull pretrattament ekwivalenti.

L-awtorita` kompetenti tista', meta tivvaluta r-riżultati ta' monitoraġġ ma' l-EQS, tieħu kont ta':

(a) konċentrazzjonijiet naturali tal-isfond għall-metalli u t-taħlit tagħhom, jekk dawn jimpedixxu l-konformità mal-valur tal-EQS; u

(b) l-ebusija, il-pH jew parametri oħrajn tal-kwalità tal-ilma li jaffettwaw il-bijodisponibbiltà tal-metalli.".

Jemenda Skeda X li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**9.** Minflok it-test fi Skeda X li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

B 416

## “Skeda X

### LISTA TA' SUSTANZI PRIJORITARJI FIL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-ILMA

| Numru | Numru CAS (1) | Numru EU (2) | Isem tas-sustanza prijoritarja (3) | Identifikat bħala sustanza perikoluża prijoritarja |
|---|---|---|---|---|
| (1) | 15972-60-8 | 240-110-8 | Alaklor | |
| (2) | 120-12-7 | 204-371-1 | Antraċen | X |
| (3) | 1912-24-9 | 217-617-8 | Atrażin | |
| (4) | 71-43-2 | 200-753-7 | Benżin | |
| (5) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Difeniletere brominat (4) | X (5) |
| | 32534-81-9 | mhux applikabbli | Pentabromodifeniletere (numri tal-istess klassi 28, 47, 99, 100, 153 u 154) | |
| (6) | 7440-43-9 | 231-152-8 | Kadmju u l-komposti tiegħu | X |
| (7) | 85535-84-8 | 287-476-5 | Kloroalkani, $C_{10-13}$ (4) | X |
| (8) | 470-90-6 | 207-432-0 | Klorfenvinfos | |
| (9) | 2921-88-2 | 220-864-4 | Klorpirifos (Klorpirifos-etil) | |
| (10) | 107-06-2 | 203-458-1 | 1,2-dikloroetan | |
| (11) | 75-09-2 | 200-838-9 | Diklorometan | |
| (12) | 117-81-7 | 204-211-0 | Di(2-etileksil)ftalat (DEHP) | |
| (13) | 330-54-1 | 206-354-4 | Diuron | |
| (14) | 115-29-7 | 204-079-4 | Endosulfan | X |
| (15) | 206-44-0 | 205-912-4 | Fluworanten (6) | |
| (16) | 118-74-1 | 204-273-9 | Eksaklorobenżin | X |
| (17) | 87-68-3 | 201-765-5 | Eksaklorobutadien | X |
| (18) | 608-73-1 | 210-158-9 | Eksakloroċikloħexan | X |
| (19) | 34123-59-6 | 251-835-4 | Isoproturon | |
| (20) | 7439-92-1 | 231-100-4 | Ċomb u l-komposti tiegħu | |
| (21) | 7439-97-6 | 231-106-7 | Merkurju u l-komposti tiegħu | X |
| (22) | 91-20-3 | 202-049-5 | Naftalen | |
| (23) | 7440-02-0 | 231-111-14 | Nikil u l-komposti tiegħu | |
| (24) | 25154-52-3 | 246-672-0 | Nonilfenol | X |
| | 104-40-5 | 203-199-4 | (4-(para)nonilfenol) | X |
| (25) | 1806-26-4 | 217-302-5 | Oktilfenol | |
| | 140-66-9 | mhux applikabbli | (4-(1,1’,3,3’-tetrametilbutil)-fenol) | |
| (26) | 608-93-5 | 210-172-5 | Pentaklorobenżin | X |
| (27) | 87-86-5 | 231-152-8 | Pentaklorofenol | |
| (28) | mhux | mhux | Idrokarburi | X |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | applikabbli | applikabbli | poliaromatiċi | |
| | 50-32-8 | 200-028-5 | (Benzo(a)piren) | X |
| | 205-99-2 | 205-911-9 | (Benzo(b)fluworanten) | X |
| | 191-24-2 | 205-883-8 | (Benzo(g,h,i)perilen) | X |
| | 207-08-9 | 205-916-6 | (Benzo(k)fluworanten) | X |
| | 193-39-5 | 205-893-2 | (Indeno(1,2,3-cd)piren) | X |
| (29) | 122-34-9 | 204-535-2 | Simażin | |
| (30) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Komposti ta' Tributiltin | X |
| | 36643-28-4 | mhux applikabbli | Katjonu ta' Tributiltin | X |
| (31) | 12002-48-1 | 234-413-4 | Triklorobenżini | |
| (32) | 67-66-3 | 200-663-8 | Trikolorometan (kloroform) | |
| (33) | 1582-09-8 | 216-428-8 | Trifluralin | |

(1) CAS: Chemical Abstracts Service.

(2) Numru-EU: L-Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) jew il-Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS).

(3) Fejn ikunu ntgħażlu gruppi ta' sustanzi, qed jiġu elenkati rappreżentattivi individwali tipiċi bħala parametri indikattivi (fil-parentesi u mingħajr numru). Għal dawn il-gruppi ta' sustanzi, il-parametru indikattiv għandu jiġi definit permezz tal-metodu analitiku.

(4) Dawn il-gruppi ta' sustanzi normalment jinkludu numru konsiderevoli ta' taħlit individwali. Attwalment, ma jistgħux jingħataw parametri indikattivi xierqa.

(5) Pentabromodifeniletere biss (numru CAS 32534-81-9).

(6) Il-fluworanten jinsab fil-lista bħala indikatur ta' idrokarboni poliaromatiċi oħra li huma aktar perikolużi.".

Iżid l-Iskeda ġdida XI mar-regolamenti prinċipali.

**10.** Minnufih wara Skeda X li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied din l-Iskeda XI ġdida li ġejja:

**"Skeda XI**

**SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦALL-ANALIŻI U L-MONITORAĠĠ KIMIKU TAL-ISTAT TAL-ILMA**

A: Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. ‘il-limitu ta’ individwazzjoni’ tfisser is-sinjal tal-output jew il-valur tal-konċentrazzjoni li ‘l fuq minnu jista’ jiġi affermat, f’livell ta’ kunfidenza stabbilit, li kampjun huwa differenti minn kampjun null li ma fih l-ebda determinant ta’ interess;

2. ‘il-limitu ta’ kwantifikazzjoni’ tfisser multiplu tal-limitu ta’ individwazzjoni stabbilit f’konċentrazzjoni tad-determinant li jista’ jiġi stabbilit b’mod raġonevoli b’livell aċċettabbli ta’ reqqa u preċiżjoni. Il-limitu ta’ kwantifikazzjoni jista’ jiġi kalkulat bl-użu ta’ standard jew kampjun xieraq, u jista’ jinsab mill-punt ta’ kalibrazzjoni l-aktar baxx fuq il-kurva ta’ kalibrazzjoni, bin-null eskluż;

3. ‘inċertezza tal-kejl’ tfisser parametru mhux negattiv li jikkaratterizza d-dispersjoni tal-valuri ta’ kwantità attribwiti għal valur li għandu jitkejjel u, ibbażati fuq it-tagħrif li ntuża.

<u>B: Metodi ta’ analiżi</u>

L-awtorita` kompetenti għandha tiżgura li l-metodi kollha ta’ analiżi, inklużi metodi fil-laboratorji, fil-post u fuq l-Internet, użati għall-finijiet ta’ programmi ta’ monitoraġġ kimiku mwettqa skont ir-regolamenti prinċipali huma validati u dokumentati skont l-istandard MSA EN ISO/IEC-17025:2005 jew standards oħra ekwivalenti aċċettati f’livell internazzjonali.

Ċ: Kriterji minimi ta' prestazzjoni għal metodi ta' analiżi

1. L-awtorita` kompetenti għandha tiżgura li l-kriterji minimi ta' prestazzjoni għall-metodi kollha ta' analiżi huma bbażati fuq inċertezza tal-kejl ta' 50% jew taħt il-50% (k = 2) stmata fil-livell ta' standards ambjentali rilevanti ta' kwalità u f'limitu ta' kwantifikazzjoni daqs jew anqas minn valur ta' 30% tal-istandards ambjentali rilevanti ta' kwalità.

2. Fin-nuqqas ta' standard ambjentali rilevanti ta' kwalità għal parametru partikolari, jew fin-nuqqas ta' metodu ta' analiżi li jissodisfa l-kriterji minimi ta' prestazzjoni definiti f'punt Ċ(1) hawn fuq, l-awtorita` kompetenti għandha tiżgura li l-monitoraġġ jitwettaq bl-użu tal-aqwa tekniki disponibbli mingħajr ma jinvolvi spejjeż eċċessivi.

D: Kalkolu ta' valuri medji

1. Fejn l-ammonti ta' valuri fiżikokimiċi jew kimiċi li għandhom jitkejlu f'kampjun partikolari jkunu taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni, ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu ffissati għal nofs il-valur tal-limitu ta' kwantifikazzjoni konċernat għall-kalkolu tal-valuri medji.

2. Fejn valur medju kalkulat tar-riżultati tal-kejl imsemmija f'punt D(1) hawn fuq, ikun taħt il-limiti ta' kwantifikazzjoni, il-valur għandu jissemma bħala "anqas mil-limitu ta' kwantifikazzjoni".

3. Punt D(1) m'għandux japplika għall-valuri li għandhom jitkejlu li huma somom totali ta' grupp partikolari ta' parametri fiżikokimiċi jew valuri kimiċi

li għandhom jitkejlu, inklużi l-metaboliti u l-prodotti ta' degradazzjoni u ta' reazzjoni rilevanti tagħhom. F'dawk il-każijiet, riżultati taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni tas-sustanzi individwali għandhom jiġu ffissati għal żero.

E: Assigurazzjoni ta' kwalita' u kontroll

1. L-awtorita` kompetenti għandha tiżgura li laboratorji jew partijiet b'kuntratt ma' laboratorji japplikaw prattiki ta' sistema ta' ġestjoni ta' kwalità skont l-MSA EN ISO/IEC-17025:2005 jew standards oħra ekwivalenti aċċettati f'livell internazzjonali.

2. L-awtorita` kompetenti għandha tiżgura li laboratorji jew partijiet b'kuntratt ma' laboratorji jipprovaw il-kompetenzi tagħhom fl-analiżi ta' valuri fiżikokimiċi jew kimiċi rilevanti li għandhom jitkejlu billi:

(a) jipparteċipaw fi programmi ta' ttestjar ta' ħila li jkopru l-metodi ta' analiżi msemmija f'B: Metodi ta' analiżi f'din l-Iskeda, ta' valuri li għandhom jitkejlu f'livelli ta' konċentrazzjonijiet li jirrappreżentaw programmi ta' monitoraġġ kimiku mwettqa skont dawn ir-regolamenti; u

(b) janalizzaw materjali ta' referenza disponibbli li jirrapreżentaw il-kampjuni miġbura li fihom livelli xierqa ta' konċentrazzjonijiet relatati mal-istandards ta' kwalità ambjentali rilevanti msemmija f'punt Ċ(1) ta' 'Ċ: Kriterji minimi ta' prestazzjoni għal metodi ta' analiżi' kif inkluż f'din l-iskeda.

3. Il-programmi ta' ttestjar ta' ħila msemmija f'punt E(2a) hawn fuq għandhom jiġu organiżżati minn organiżżazzjonijiet akkreditati jew organiżżazzjonijiet rikonoxxuti internazzjonalment jew nazzjonalment li jissodisfaw ir-rekwiżiti

tal-gwida 43-1 ISO/IEC jew ta' standards oħra ekwivalenti rikonoxxuti f'livell internazzjonali.

Ir-riżultati ta' parteċipazzjoni f'dawk il-programmi għandhom jiġu evalwati abbażi ta' sistemi ta' punti definiti fil-gwida 43-1 ISO/IEC jew fl-istandard ISO-13528 jew fi standards oħra ekwivalenti aċċettati f'livell internazzjonali.

F: Dħul fis-seħħ ta' din l-Iskeda

L-awtorita` kompetenti għandha ssegwi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi standardiżżati għall-analiżi u l-immoniterjar ta' l-*status* ta' l-ilma, skont il-kundizzjonijiet f'din l-Iskeda XI, sa mhux aktar tard minn 7 snin mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.".

**11.** Ir-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma huma b'dawn revokati.

Jirrevoka A.L. 16 tal-2011.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 24 of 2011**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

### Water Policy Framework (Amendment) Regulations, 2011

IN exercise of the powers conferred by article 28(1) of the Malta Resources Authority Act, and by articles 2, 61, 64 and 66 of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister and the Minister for Resources and Rural Affairs, after consultation with the Malta Resources Authority and the Malta Environment and Planning Authority, have made the following regulations:-

Citation.

L.N. 194 of 2004.

**1.** The title of these regulations is the Water Policy Framework (Amendment) Regulations, 2011 and they shall be read and construed as one with the Water Policy Framework Regulations, 2004 hereinafter referred to as "the principal regulations".

Scope.

